Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/0008(COD)

13.6.2023 **EMENDI**
34 - 131

Abbozz ta' rapport
Sandra Pereira
(PE746.665v01-00)

L-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, emenda tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013

Proposta għal regolament
(COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))

Emenda 34
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).	(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ***taqdi rwol ċentrali fit-tfassil tal-politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u, bħala tali,*** hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) ***kif ukoll tal-miri ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***.

Or. en

Emenda 35
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kisba	(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***l-***

tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).	***implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

Or. en

Emenda 36
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[23] u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u	(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[23] u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, ***u għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-kisba tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,*** l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell

dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.	tal-UE. ***Barra minn hekk, il-Eurofound tipprovdi data u informazzjoni utli miġbura minn stħarriġiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tan-nies.*** Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.
[23] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.	[23] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

Or. en

Emenda 37
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[23] u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-	(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[23] u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-

esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

[23] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni***, filwaqt li tiġi rrispettata l-privatezza tad-data personali sensittiva f'konformità mar-Regolament 2016/679***.

[23] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

Or. en

Emenda 38
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-	(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni***. Barra minn hekk, peress li t-tranżizzjoni ekoloġika qiegħda tbiddel b'mod profond l-industrija u l-ekonomija tal-Ewropa, il-bidliet fis-suq tax-xogħol se jkunu enormi, u għalhekk se jkunu meħtieġa politiki ġodda bbażati fuq l-evidenza biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti relatati mal-aspetti ambjentali u soċjali. Jiġifieri, l-identifikazzjoni u l-***

Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.

antiċipazzjoni aħjar tal-ħiliet meħtieġa permezz tal-ġbir ta' data diżaggregata f'waqtha huma essenzjali biex jiġu indirizzati b'mod adegwat l-"impjiegi ekoloġiċi" l-ġodda u biex tiġi ppreparata l-forza tax-xogħol, speċjalment il-ħaddiema b'inqas opportunitajiet ta' taħriġ u bi ħtiġijiet urġenti ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, matul it-tranżizzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.

Or. en

Emenda 39
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data	(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ***u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex jiġu indirizzati l-kriżijiet ekonomiċi u soċjali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna u tiġi miġġielda l-kriżi tal-għoli tal-ħajja***, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-

mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.	relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.
	Or. en

Emenda 40
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.	(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa. ***L-estent tal-ġbir obbligatorju ta' tali data għandu jkun ibbilanċjat mal-piż amministrattiv addizzjonali u mal-kostijiet addizzjonali għall-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 41
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Tingħibed l-attenzjoni għal studju aktar b'saħħtu u fil-fond fil-kuntest tal-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni li jista' jiddeskrivi wkoll ir-relazzjoni bejn il-kawża u l-effett u jservi bħala bażi għall-iżvilupp futur ta' diversi politiki tal-UE u dawk settorjali; studju bħal dan iħares, pereżempju, lejn l-inugwaljanzi infrastrutturali u ġeografiċi, l-inugwaljanzi korrispondenti fil-parteċipazzjoni fl-impjiegi, l-opportunitajiet għal u l-inugwaljanzi fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni, l-opportunitajiet għall-mobbiltà u l-inugwaljanzi assoċjati fl-infrastruttura tat-trasport; barra minn hekk, huwa importanti li l-irkupru soċjali u d-diversi programmi ta' integrazzjoni f'dan ir-rigward għalhekk jenħtieġ li jkunu kapaċi jirrispondu għal bidliet oħra fil-politiki soċjali wkoll.

Or. hu

Emenda 42
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-miri ewlenin tal-

Pjan ta' Azzjoni tiegħu u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal fil-livell nazzjonali u tivvaluta l-effett distributtiv tat-tibdil fil-klima u l-politiki b'mod ġenerali, l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu adegwat għall-ġbir obbligatorju ta' tali data fi ħdan l-ESS bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.

Or. en

Emenda 43
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta l-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u jiffaċilita ***t-tnaqqis*** tal-piż billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.	(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta l-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u jiffaċilita ***tnaqqis*** tal-piż ***amministrattiv kumplessiv*** billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.
[24] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data	[24] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data

soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Or. en

Emenda 44
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta ***l-kriterji*** ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u jiffaċilita t-tnaqqis tal-piż billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.	(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta ***u jibni fuq il-kriterji*** ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u jiffaċilita t-tnaqqis tal-piż billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.
[24] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data	[24] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data

soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).	soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Or. en

Emenda 45
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) It-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi li jinħolqu fil-livell Ewropew huwa objettiv ċentrali tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" għandha l-għan li tirrazzjonalizza u tissimplifika r-rekwiżiti ta' rappurtar b'25 % għal kull wieħed mill-oqsma tematiċi ekoloġiċi, diġitali u ekonomiċi, u l-proposta li ġejja tal-Kummissjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas il-piż amministrattiv u li ttejjeb il-kompetittività tal-impriżi kollha fl-UE, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 46
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinsiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.	(11) ***L-aggressjoni kontinwa mir-Russja kontra l-Ukrajna, it-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali,*** is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni***, l-iżvilupp soċjoekonomiċi***, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinsiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

Or. en

Emenda 47
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.	(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu riżorsi adegwati għall-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom.***

Or. en

Emenda 48
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.	(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika***, meta jkun possibbli permezz tal-użu ta' data amministrattiva u rekords amministrattivi***.

Or. en

Emenda 49
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.	(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji ***(fi ħdan jew barra mill-Istati Membri, jew il-mobilizzazzjoni)***, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.

Or. hu

Emenda 50
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.	(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi**,** ***soċjoekonomiċi*** u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.

Or. en

Emenda 51
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-istatistika dwar l-akkomodazzjoni u d-data parzjali dwar l-istħarriġ tal-popolazzjoni jeħtieġ li jirriflettu b'mod konsistenti, fid-dawl tal-għanijiet definiti, l-effetti tad-diversi mekkaniżmi soċjali relatati mal-akkomodazzjoni li jistgħu jidentifikaw il-profondità tad-diskrepanzi bejn il-popolazzjonijiet, ir-relazzjonijiet tagħhom bejn il-kawża u l-effett, bħall-inugwaljanzi li jaffettwaw prinċipalment il-minoranzi li jgħixu f'insedjamenti segregati, persuni li jgħixu fil-faqar u ċittadini emarġinati oħra u dawk li jgħixu f'irħula iżolati, kif ukoll elementi oħra li jiżvelaw inugwaljanzi ġeoloġiċi jew infrastrutturali u inugwaljanzi fl-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi, u fi ħdanhom l-impatt tal-inugwaljanzi relatati mal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni.

Or. hu

Emenda 52
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Riżorsi mmirati allokati fuq il-bażi tar-riżultati ta' stħarriġ statistiku dwar l-użu tad-data għad-diversi portafolli ta' politika jenħtieġ li jkunu diretti lejn investimenti maħsuba biex jikkumpensaw għal żvantaġġi ġeografiċi, li jsegwu l-għanijiet tal-enerġija ekoloġika u proġetti

ta' infrastruttura oħra, bħal dawk maħsuba biex jiżviluppaw it-titjib diġitali, li jsaħħu l-kwalità tal-ħajja u l-akkomodazzjoni fir-reġjuni l-aktar żvantaġġati u f'dawk b'diversi żvantaġġi, kif ukoll jipprovdu opportunitajiet għall-moviment liberu, li għandhom impatt fuq l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni fl-impjiegi u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, kif ukoll bħala promozzjoni ta' programmi mmirati biex jgħinu gruppi soċjali emarġinati biex jirkupraw u b'hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attività ekonomika.

Or. hu

Emenda 53
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn ***titjib fl-eżiti*** statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi fis-soċjetà.	(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn ***li jittejbu l-eżiti*** statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi fis-soċjetà ***u jingħata l-aħjar appoġġ possibbli għat-tfassil tal-politika u għat-teħid tad-deċiżjonijiet***.

Or. en

Emenda 54
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta

Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn titjib fl-eżiti statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi ***fis-soċjetà***.	(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn titjib fl-eżiti statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet ***u l-isfidi*** demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi.

Or. en

Emenda 55
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.	(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni ***jistgħu*** jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. ***Filwaqt li l-użu ta' tali sorsi jtejjeb id-disponibbiltà u t-tempestività tad-data disponibbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ftehimiet speċifiċi ta' kooperazzjoni għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika jew awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-fornituri ta' bażijiet tad-data biex jiġu***

	stabbiliti s-salvagwardji meħtieġa għall-ġbir tad-data personali ħalli jiġi evitat kull użu ħażin potenzjali ta' data sensittiva, peress li jenħtieġ li l-aċċess għal tali data bl-ebda mod ma jibdel jew jinterferixxi mad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.

Or. en

Emenda 56
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.	(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi***, b'mod partikolari*** billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali***, filwaqt li tiġi rrispettata d-data personali sensittiva***. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.

Or. en

Emenda 57
Katrin Langensiepen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.	(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' ***metodoloġiji innovattivi u*** sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.

Or. en

Emenda 58
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu	(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009***, b'mod kosteffettiv***. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. L-istituti

involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

---

[31] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

---

[31] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Or. en

Emenda 59
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha.	(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha***, abbażi ta' protokolli speċifiċi tal-kondiviżjoni tad-data***.

Or. en

Emenda 60
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) F'dan ir-rigward, il-kondiviżjoni tad-data bejn il-fornituri tad-data miżmuma privatament jew in-negozji u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) se tkun ibbażata fuq protokolli speċifiċi stabbiliti tal-kondiviżjoni tad-data u ftehimiet ta' kooperazzjoni mfassla minn atturi involuti u f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/1725, li jiddeskrivu l-ħtieġa li s-suġġett tad-data jagħti l-kunsens għall-użu tad-data tiegħu u f'konformità mar-regoli speċifiċi tas-servizzi ta' komunikazzjoni tad-data inkluż l-aċċess għall-informazzjoni fl-apparat tal-utent finali previst fid-Direttiva 2002/58/KE.

Or. en

Emenda 61
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati riżultati fil-ħin, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti metodi	(24) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati riżultati fil-ħin, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti metodi

statistiċi u tekniki tal-immudellar bħas-"sinjali tal-ħajja" u r-"rata tas-soġġorn".	statistiċi u tekniki tal-immudellar bħas-"sinjali tal-ħajja" u r-"rata tas-soġġorn"**,** ***filwaqt li għandhom jinżammu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament 763/2008 u tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament 1260/2013***.

Or. en

Emenda 62
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika**.** L-aċċess għal din l-istatistika jenħtieġ ***li jkun bla ħlas u faċli,*** mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.	(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni***, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet possibbli fejn il-kwalità tad-data ma tkunx iggarantita. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) ikollha d-dritt li tivverifika l-metodoloġija li tintuża u li torganizza żjarat fuq il-post tal-awtoritajiet li jiġbru d-data. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll għajnuna u appoġġ tekniku fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali***. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika ***billi jiġi żgurat*** l-aċċess ***bla ħlas u faċli*** għal din l-istatistika mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

Or. en

Emenda 63
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) Politiki adegwati, f'waqthom u effettivi jippreżupponu data affidabbli u komparabbli, diżaggregata skont il-ġeneru, l-età, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika, id-diżabilità, l-istatus soċjoekonomiku, iż-żona ġeografika, u parametri oħra f'konformità mal-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti. Din id-data hija rilevanti biex wieħed jifhem aħjar ix-xejriet tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni intersezzjonali u jiġu implimentati u vvalutati l-politiki, l-objettivi u l-azzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, li kollha jiddependu ħafna minn data dwar l-unitajiet domestiċi u l-familji. Tali data trid tinġabar u tintuża b'rispett sħiħ tal-istandards tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-privatezza u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-riċerka statistika li tinvolvi l-minorenni.

Or. en

Emenda 64
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tindirizza n-nuqqas persistenti ta' data dwar il-gruppi vulnerabbli (gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu), bħall-persuni residenti f'istituzzjonijiet (eż. istituzzjonijiet militari, istituzzjonijiet korrettivi u penali, dormitorji ta' skejjel u universitajiet, istituzzjonijiet reliġjużi, sptarijiet, ċentri tal-kura residenzjali, istituzzjonijiet għall-persuni b'diżabilità u orfanatrofji), il-persuni li għandhom 75+ sena, il-persuni b'diżabilità, il-persuni mingħajr dar, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni mingħajr Stat. Sabiex titnaqqas din id-diskrepanza fid-data u jiġu pprevenuti l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw minnha, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji u soluzzjonijiet immirati għall-ġbir ta' data dwar gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sejba, il-persważjoni u l-intervistar ta' tali popolazzjonijiet u l-kuntatt magħhom.

Or. en

Emenda 65
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar il-forniment tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-data, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li d-data kunfidenzjali tingħata u tintuża esklużivament għall-finijiet tal-istatistika f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 ta' dak ir-Regolament.	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar il-forniment tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-data, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li d-data kunfidenzjali tingħata u tintuża esklużivament għall-finijiet ***strettament*** tal-istatistika f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 66
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll asimetriji fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiviżjoni	(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll asimetriji fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiviżjoni

msaħħa tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha.	msaħħa tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha ***għall-protezzjoni tad-data***.
	Or. en

Emenda 67
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, ***fuq it-trażmissjoni diretta tad-data*** jenħtieġ li ***tingħata preferenza lill-mekkaniżmi*** tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji.	(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, ***id-data kondiviża għandha tiġi anonimizzata jew psewdonimizzata u*** jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, jenħtieġ li ***l-mekkaniżmi*** tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji ***jsiru l-istandard il-ġdid***.
[37] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-	[37] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 68
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, fuq it-trażmissjoni diretta tad-data jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji.	(30) *[Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.]* *[Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.]*
[37] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	*[Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.]*

Or. hu

Emenda 69
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika li jimmitigaw il-kwistjonijiet ***transfruntieri*** dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li ***jaħtfu l-vantaġġ kemm jista' jkun*** tal-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.	(32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika li jimmitigaw il-kwistjonijiet ***transfruntiera*** dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li ***jiġu ffaċilitati permezz tal-introduzzjoni*** tal-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Or. en

Emenda 70
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.	(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. ***Skont il-ħtiġijiet ta' pproċessar ulterjuri ta' data personali għal finijiet statistiċi, għandha tintuża data anonimizzata jew psewdonimizzata biex jiġu ggarantiti s-salvagwardji kif adottati skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725.***

[38] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

[38] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Or. en

Emenda 71
Katrin Langensiepen

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.	(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. ***B'mod partikolari, l-istatistika jenħtieġ li tiġi prodotta permezz tal-ipproċessar ta' data anonimizzata. Jenħtieġ li jkun biss fejn l-istatistika ma tkunx tista' tiġi prodotta bl-ipproċessar ta' data anonimizzata li tiġi pproċessata data psewdonimizzata.***
[38] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).	[38] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Or. en

Emenda 72
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc***. L-ebda att delegat bħal dan ma għandu jpoġġi fuq l-Istati Membri rekwiżiti li huma aċċessibbli biss permezz tal-ġbir ta' data direttament mingħand individwi, u l-ebda att delegat bħal dan ma għandu jitlob lill-Istati Membri jiġbru jew jistħarrġu data personali sensittiva kif definita mir-Regolament 2016/679***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 73
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali ***kif ukoll*** l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali**,** l-iżviluppi teknoloġiċi ***u l-ħtieġa li jitfasslu politiki mmirati tajjeb b'mod f'waqtu***, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 74
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-importanza tal-istatistika Ewropea bħala parti essenzjali mit-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza hija riflessa fil-baġit tal-UE għall-2021-2027 biex jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja mill-Programm tas-Suq Uniku. Ir-riforma tal-ġbir tad-data permezz ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, l-istituti tal-istatistika u l-fornituri tad-data kif ukoll it-titjib tal-kwalità tad-data jenħtieġ li jsiru eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Għal dan il-għan, il-fondi għandhom jintużaw sabiex jgħinu lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra jiġbru d-data meħtieġa kif mitlub mill-Kummissjoni (Eurostat), speċjalment f'każijiet li fihom jiġi pprovdut ġbir ta' data ad hoc kif speċifikat skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 75
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Meta ċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt (a) jew (b) ma jistgħux jiġu stabbiliti, ir-"residenza abitwali" għandha tfisser il-

post ta' residenza legali jew reġistrat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi r-reġistri tal-popolazzjoni ma jfissrux bis-sħiħ il-kunċett ta' bażi tal-popolazzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament 763/2008 u tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament 1260/2013 għandhom jiġu introdotti mill-ġdid.

Emenda 76
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu" tfisser gruppi ta' individwi li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta' data statistika;

Or. en

Emenda 77
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu" tfisser gruppi ta' individwi li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta' data statistika;

Or. en

Emenda 78
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) "istituzzjoni" tfisser post tal-għajxien kollettiv għall-fini ta' abitazzjoni u ta' forniment ta' servizzi fit-tul lil grupp ta' persuni;

Or. en

Emenda 79
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "familja" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;	(13) "familja" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu fl-istess unità domestika ***jew f'bosta unitajiet domestiċi*** u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;

Or. en

Emenda 80
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità statistika li jista' jkollha aktar minn sett wieħed ta' valuri;	(21) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità statistika li jista' jkollha aktar minn sett wieħed ta' valuri; ***varjabbli jingħadd bħala taħlita ta' karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni mal-unità ta' kejl korrispondenti b'diżaggregazzjoni ġeografika magħdud bħala wieħed;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun utli li tiġi introdotta dispożizzjoni simili kif inkluża fir-Regolament SAIO wara l-qbil mal-Kummissjoni dwar kif għandu jiġi kkalkulat l-għadd ta' varjabbli.

Emenda 81
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat***, u irrispettivament minn jekk ir-residenza jew is-soġġorn tal-persuna humiex awtorizzati jew permessi mill-awtoritajiet rilevanti***.	2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat.

Or. en

Emenda 82
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat***, u irrispettivament minn jekk ir-residenza jew is-soġġorn tal-persuna humiex awtorizzati jew permessi mill-awtoritajiet rilevanti***.	2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat.

Or. en

Emenda 83
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) metodi ta' stima ***bħal "sinjali tal-ħajja"*** biex jikkoreġu l-preżenza proprja fil-post preżunt tar-residenza abitwali għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar sad-data ta' referenza, u ***"rata tas-soġġorn"*** biex jiġi stmat l-għadd ta' persuni li jkun beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar wara l-wasla.	(b) metodi ta' stima biex jikkoreġu l-preżenza proprja fil-post preżunt tar-residenza abitwali għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar sad-data ta' referenza, u biex jiġi stmat l-għadd ta' persuni li jkun beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar wara l-wasla.

Or. en

Emenda 84
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-paragrafi 5 u 6(b) ma għandhomx japplikaw sal-punt li metodi ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza,

	iddokumentati sew u disponibbli għall-pubbliku jistgħu jiġġustifikaw kif xieraq li d-differenza bejn ir-residenza legali jew irreġistrata tal-popolazzjoni totali fl-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) u r-residenza abitwali tkun inqas minn tliet punti perċentwali.

Or. en

Emenda 85
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-għajxien u abitazzjonijiet konvenzjonali.	(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-għajxien u abitazzjonijiet konvenzjonali***, inklużi istituzzjonijiet***.

Or. en

Emenda 86
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha tkopri d-dominji li ġejjin:	1. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha tkopri d-dominji li ġejjin ***u tippermetti l-produzzjoni ta' data diżaggregata skont l-età, is-sess, it-tip ta' diżabilità u l-isfond ta' migrazzjoni***:

Or. en

Emenda 87
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-familji ***u l-unitajiet domestiċi.***	(c) il-familji***;***

Or. en

Emenda 88
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-unitajiet domestiċi.

Or. en

Emenda 89
Katrin Langensiepen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-data skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness.	2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-data skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness. ***Is-suġġetti mniżżlin fl-Anness għandhom jiġu diżaggregati skont l-età u l-ġeneru.***

Or. en

Emenda 90
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati fl-Anness. ***L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.***	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati fl-Anness.

Or. en

Emenda 91
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ***dawk l-atti*** ma jixħtux piż sinifikanti ***u sproporzjonat*** fuq l-Istati Membri ***u*** fuq ir-rispondenti ***tal-istħarriġ.*** Kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14.	4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li***:***
	a) l-atti delegati jkollhom l-għan li jiksbu newtralità jew tnaqqis fl-ispiża u fil-piż u, fi kwalunkwe każ, ma jixħtux ***spiża jew*** piż ***addizzjonali*** sinifikanti fuq l-Istati Membri ***jew*** fuq ir-rispondenti***;***
	b) massimu ta' żewġ suġġetti dettaljati

għall-qasam tal-istatistika demografika tad-dominju, suġġett dettaljat wieħed għall-qasam tal-istatistika dwar l-akkomodazzjoni u suġġett dettaljat wieħed għall-qasam tal-istatistika dwar il-familji u l-unitajiet domestiċi elenkati fl-Anness jiġu sostitwiti b'suġġett dettaljat ieħor u massimu ta' suġġett dettaljat wieħed b'kollox għall-oqsma kollha jiżdied fuq perjodu ta' għaxar snin konsekuttivi;

c) kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14. ***L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tagħti setgħa wiesgħa ħafna lill-Kummissjoni mingħajr ebda limitazzjoni u salvagwardja għall-Istati Membri. L-għoti tas-setgħa għandu jkun strettament limitat u għandhom jiġu inklużi salvagwardji sabiex tiġi evitata żieda fil-kostijiet għar-rispons, fil-piż u fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

Emenda 92
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jixħtux ***piż*** sinifikanti u ***sproporzjonat*** fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ. Kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14.	4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jixħtux ***piżijiet*** sinifikanti u ***sproporzjonati*** fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ***. L-ebda att delegat bħal dan ma għandu għalhekk jpoġġi fuq l-Istati Membri rekwiżiti aċċessibbli biss permezz ta' ġbir dirett tad-data minn individwi, jew kompiti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament***

2019/1700. Barra minn hekk, l-ebda att delegat ma għandu jitlob lill-Istati Membri jiġbru jew jistħarrġu data personali sensittiva kif definita mir-Regolament 2016/679. Kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 93
Sara Skyttedal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tas-settijiet tad-data u tal-metadata li jridu jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:	***5.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tas-settijiet tad-data u tal-metadata li jridu jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat). ***L-ebda att ta' implimentazzjoni bħal dan ma għandu jpoġġi fuq l-Istati Membri rekwiżiti aċċessibbli biss permezz ta' ġbir dirett tad-data minn individwi, jew kompiti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2019/1700. Barra minn hekk, l-ebda att ta' implimentazzjoni ma għandu jitlob lill-Istati Membri jiġbru jew jistħarrġu data personali sensittiva kif definita mir-Regolament 2016/679.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

Or. en

Emenda 94
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament.	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament***, filwaqt li tpoġġi f'ordni ta' prijorità s-sorsi tad-data amministrattiva u r-rekords li għandhom jintużaw għall-ġbir tad-data mitluba***.

Or. en

Emenda 95
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-Istati Membri jippubblikaw l-istatistika meħtieġa minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali qabel l-iskadenzi tal-forniment stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 7(5), dawn għandhom jipprovduhom lill-Kummissjoni (Eurostat) kif ġej:	***imħassar***
(a) l-istatistika tal-perjodiċità trimestrali u biannwali fi żmien jum tax-xogħol wieħed wara l-pubblikazzjoni nazzjonali;	
(b) l-istatistika tal-perjodiċità annwali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni nazzjonali;	
(c) l-istatistika tal-perjodiċità pluriennali u ta' kull għaxar snin fi żmien sebat ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni nazzjonali.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data ppubblikata fil-livell nazzjonali tista' tiġi ppreżentata f'format u kamp ta' applikazzjoni totalment differenti mis-settijiet ta' data ttrasferiti lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament. It-tħejjija għall-forma xierqa bbażata fuq dan ir-regolament tista' tkun kompitu pjuttost diffiċli. Għalhekk, biex jiġu osservati l-iskadenzi koperti mill-paragrafu 2 propost, l-Istati Membri jistgħu jkunu mġiegħla jittardjaw il-pubblikazzjonijiet nazzjonali – li jkun ta' żvantaġġ għall-utenti. Tali trażmissjonijiet tad-data aktar bikrija jistgħu pjuttost ikunu soġġetti għal ftehimiet fil-livell operattiv (Eurostat), speċjalment meta wieħed iqis l-eżempji eżistenti.

Emenda 96
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12.	Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni li jiġu riveduti ċerti settijiet ta' data malli tittieħed id-deċiżjoni.***

Or. en

Emenda 97
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw ***sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati***	Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw ***fi żmien 40 jum ta' xogħol***.

b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskadenzi tat-trażmissjoni speċifikati fil-paragrafu 2 huma qosra wisq u għandhom jiġu estiżi biex jiġi limitat il-piż addizzjonali għall-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika.

Emenda 98
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-data jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, ***diment*** li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12:	1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-data jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, ***bil-kundizzjoni li d-data tingħabar u tiġi pproċessata f'konformità mas-salvagwardji ddeterminati fil-liġijiet applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u dment*** li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12:

Or. en

Emenda 99
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu mill-ġdid ta' data derivata mill-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.	(d) l-użu mill-ġdid ta' data derivata mill-kondiviżjoni ***volontarja*** tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Or. en

Emenda 100
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw il-kwalità tas-sorsi tad-data tagħhom***, inkluż tar-rekords amministrattivi u sorsi xierqa oħra użati***.	2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw il-kwalità tas-sorsi tad-data tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx bżonn li tingħibed l-attenzjoni għal wieħed mis-sorsi b'mod speċifiku. Is-sorsi kollha tad-data għandhom ikunu ta' kwalità għolja simili tad-data.

Emenda 101
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa prattiki bħas-"sinjali tal-ħajja", ir-"rata tas-soġġorn" u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri.	4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa prattiki bħas-"sinjali tal-ħajja", ir-"rata tas-soġġorn" u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri ***dment li jiġu rrispettati miżuri xierqa għall-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data***.

Or. en

Emenda 102
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta jintalbu għal raġunijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità statistika***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki meħtieġa.	5. ***Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni (Eurostat)***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki meħtieġa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem użat fil-fajl tal-IESS (ir-Regolament UE 2019/1700) jidher aktar xieraq.

Emenda 103
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. L-aċċess fil-ħin għar-rekords amministrattivi, u l-modalitajiet operazzjonali tiegħu, għandu jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jridu jiġu stabbiliti bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.	1. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. L-aċċess fil-ħin għar-rekords amministrattivi, u l-modalitajiet operazzjonali tiegħu, għandu jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jridu jiġu stabbiliti bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ***jew fl-atti legali nazzjonali***

rilevanti li jiddefinixxu l-aċċess għal sorsi tad-data rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mod kif jintlaħaq ftehim mal-forniturі nazzjonali tad-data għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri peress li jeżistu differenzi fl-ambjenti amministrattivi u fil-proċeduri legali. Għalhekk, id-dispożizzjoni għandha tkun aktar flessibbli hawnhekk.

Emenda 104
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jaqbdu jew jagħmlu stima tal-gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li ma hemm disponibbli l-ebda sors jew metodoloġija ġeneralment aċċettati għall-konformità ma' din id-dispożizzjoni, jidher prematur li titfassal leġiżlazzjoni dwar din il-kwistjoni.

Emenda 105
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddiżaggregaw id-data, meta rilevanti, skont l-età, il-ġeneru, id-diżabilità, l-istatus soċjoekonomiku u

	karatteristiċi oħra, f'konformità mal-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti;

Or. en

Emenda 106
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxu oqfsa li huma validi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1700;	***imħassar***

Or. en

Emenda 107
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi ***transfruntieri*** relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tippossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni;	(e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi ***transfruntiera*** relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tippossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni***, mhux l-inqas permezz tal-introduzzjoni ta' identifikaturi diġitali uniċi***;

Or. en

Emenda 108
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***inaqqsu l-asimetriji*** tal-flussi migratorji;	(f) ***jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' għadd doppju relatati mal-asimetriji*** tal-flussi migratorji;

Or. en

Emenda 109
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jipprovdu d-data meħtieġa kollha lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tiżgura l-kompletezza tal-istatistika Ewropea ppubblikata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu

adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).	adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) ***u ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sostanzjali fuq l-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 111
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta.	5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta. ***L-Istati Membri għandhom jirrimedjaw il-kawżi li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li tkun ġiet ippprovduta l-istatistika.***

Or. en

Emenda 112
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta l-Kummissjoni*** (Eurostat) ***titlob dan***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***l-kjarifiki*** addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità ***tal-istatistika***.	6. ***Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni*** (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***kjarifika*** addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità ***tal-informazzjoni statistika***.

Or. en

Emenda 113
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) titlob dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika.	6. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) titlob dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika. ***Il-Kummissjoni għandha d-dritt li torganizza żjarat għand l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri f'każ li ma jintlaħaqx il-livell tal-kwalità meħtieġ tal-istatistika.***

Or. en

Emenda 114
Milan Brglez, Gabriele Bischoff, João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Marc Angel, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Daniela Rondinelli, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Lina Gálvez Muñoz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) titlob dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika.	6. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) titlob dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika ***mingħajr dewmien bla bżonn***.

Or. en

Emenda 115
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-data ***għandha*** tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri differenti, u bejn dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni (Eurostat), esklużivament għall-finijiet ta' żvilupp u produzzjoni tal-istatistika Ewropea regolata minn dan ir-Regolament u biex titjieb il-kwalità tagħha.	1. Id-data ***tista'*** tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri differenti, u bejn dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni (Eurostat), esklużivament għall-finijiet ta' żvilupp u produzzjoni tal-istatistika Ewropea regolata minn dan ir-Regolament u biex titjieb il-kwalità tagħha.

Or. en

Emenda 116
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa b'rabta mal-protezzjoni fiżika u loġika tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Għall-istatistika skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jistgħu*** jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1.	2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa b'rabta mal-protezzjoni fiżika***, teknika*** u loġika tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Għall-istatistika skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***għandhom*** jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 117
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ibbażata ***preferibbilment*** fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;	(b) ibbażata fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;

Or. en

Emenda 118
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni meħtieġa tad-data personali, jiġifieri l-anonimizzazzjoni jew il-psewdonimizzazzjoni;

Or. en

Emenda 119
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-istudji pilota skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jidentifikaw soluzzjonijiet effettivi u siguri għall-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-	***imħassar***

Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-kondiviżjoni tad-data u miżuri għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

Or. en

Emenda 120
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji iżda, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni.	2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji iżda, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni ***ħalli d-diversità tas-sitwazzjonijiet nazzjonali tkun riflessa tajjeb***.

Or. en

Emenda 121
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Tista'*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:	1. ***Għandha*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

(aa) l-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni, u t-titjib tal-puntwalità, ta' ġbir ta' data, metodi ta' ġbir ta' data, oqfsa tal-kampjunar u pproċessar ta' data għall-istatistika taħt dan ir-Regolament, għall-ewwel erba' snin tal-ġbir ta' data għal kull qasam kopert minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 122
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Tista'*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:	1. ***Għandha*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ***skont l-objettivi tal-Programm għas-Suq Uniku*** lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

Or. en

Emenda 123
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-titjib tal-kwalità tal-istatistika u l-iżvilupp ta' metodoloġiji li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jew minn kwalunkwe appoġġ tekniku u għajnuna oħra mill-Kummissjoni, li jistgħu jiġu pprovduti wkoll permezz tal-iskambju tal-

aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 124
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien mhux determinat*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].	2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

Or. en

Emenda 125
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016

dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***u żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar il-ħidma preparatorja dwar l-att delegat***.

Or. en

Emenda 126
Irena Joveva, Sylvie Brunet, Anna Júlia Donáth, Max Orville

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien sa ***sentejn***.	1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien sa ***tliet snin***.

Or. en

Emenda 127
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien sa ***sentejn***.	1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien sa ***tliet snin***.

Or. en

Emenda 128
Beata Szydło, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta deroga kif imsemmija fil-paragrafu 1, tkun għadha ġustifikata b'biżżejjed evidenza fi tmiem il-perjodu li għalih tkun ingħatat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti deroga sussegwenti għal perjodu massimu ta' sentejn. L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba li tindika r-raġunijiet u motivazzjonijiet dettaljati b'appoġġ għal din l-estensjoni, lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' validità tad-deroga mogħtija skont il-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 129
Katrin Langensiepen

Proposta għal regolament
Anness I – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	6M	30.6.SS u 31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
	Fertilità	Twelidijiet	Q	Xahar

		A	Sena
	Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
Mortalità	Imwiet	Q	Xahar, Ġimgħa
		A	Sena
	Imwiet tat-trabi	A	Sena
	Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
	Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
Migrazzjoni	Immigranti	***Q***	***Xahar***
		A	Sena
	Emigranti	A	Sena
	Migrazzjoni interna	A	Sena
Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
	Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

Emenda

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
	Fertilità	Twelidijiet	A	Sena
			A	Sena
		Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
	Mortalità	Imwiet	A	Sena
			A	Sena
		Imwiet tat-trabi	A	Sena
		Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
	Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
		Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena
		Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
	Migrazzjoni	Immigranti		
			A	Sena
		Emigranti	A	Sena
		Migrazzjoni interna	A	Sena
		Persuni miżmuma	***A***	***Sena***

		f'ċentri[2]		
		Persuni deportati[3]	***A***	***Sena***
		Persuni ritornati jew imċaħħda milli jidħlu[4]	***A***	***Sena***
		Postijiet ta' arrest[5]	***A***	***Sena***
	Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
		Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

---

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

[2] Diżaggregati skont il-pajjiż tal-oriġini

[3] idem

[4] idem

[5] idem

Or. en

Emenda 130
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Anness I – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	6M	30.6.SS u 31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-	A	31.12.SS

	karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	MA	31.12.SS
		D	31.12.SS
Fertilità	Twelidijiet	Q	Xahar
		A	Sena
	Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
Mortalità	Imwiet	Q	Xahar, Ġimgħa
		A	Sena
	Imwiet tat-trabi	A	Sena
	Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
	Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
Migrazzjoni	Immigranti	Q	Xahar
		A	Sena
	Emigranti	A	Sena
	Migrazzjoni interna	A	Sena
Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
	Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

Emenda

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna***, inkluża informazzjoni relatata mal-età, is-sess, it-tipi ta' diżabilità u l-isfond tal-migrazzjoni***	A	31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
	Fertilità	Twelidijiet	A	Sena
			A	Sena
		Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
	Mortalità	Imwiet	A	Sena
			A	Sena
		Imwiet tat-trabi	A	Sena
		Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
	Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
		Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena

		Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
	Migrazzjoni	Immigranti	Q	Xahar
			A	Sena
		Emigranti	A	Sena
		Migrazzjoni interna	A	Sena
	Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
		Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

Or. en

Emenda 131
Lívia Járóka

Proposta għal regolament
Anness I – tabella 1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dominju	***suġġetti u suġġetti dettaljati***
Demografija	***ġeneru***

	età	
Status ta' impjieg	***student***	***klassifikazzjoni***
	impjegat	
	qiegħed	
	irtirat	
	kuntrattur	
Post ġeografiku / karatteristiċi tal-insedjament	***belt kontea / belt bażi***	
	kapitali	
	belt	
	belt żgħira	
	villaġġ	
	raħal żgħir	
Karatteristiċi tal-insedjament	***ċentru***	
	agglomerazzjoni	
	belt ta' ġonna	
	tarf ta' insedjament	
	insedjament segregat	
	binja ta' akkomodazzjoni	
Karatteristiċi reġjonali	***post alluvjali***	
	raħal iżolat	
	ħamrija mistagħdra	
	ħamrija ramlija/loess	
	trab tafli	
Kopertura tas-servizzi pubbliċi	***dawl tat-triq***	
	kanali	

	network tat-toroq tal-asfalt
	ġbir tal-iskart
	kopertura tan-network tal-internet mobbli
Kopertura tas-servizz tas-saħħa għal insedjament partikolari	***prattika tal-mediċina tal-familja għall-adulti***
	pedjatra
	infermiera tad-distrett
	servizzi ta' appoġġ għall-familja
	kura tal-anzjani
	residenza tal-anzjani
	servizz soċjali - assistent soċjali
	servizz ta' dentist għall-adulti
	dentist tat-tfal
	klinika għal pazjenti ta' barra
	sptar
Opportunitajiet/kopertura edukattiva	***faċilità għall-indukrar tat-trabi***
	skola preprimarja
	skola primarja
	istituzzjoni vokazzjonali sekondarja
	istituzzjoni edukattiva postsekondarja
	skola tal-lingwa
	librerija lokali
	skola tal-mużika
Istituzzjonijiet kulturali	***mużew lokali***
	teatru
	ċentru għat-tfal u ż-żgħażagħ

	istituzzjoni kulturali
	ċinema
Media lokali	***gazzetta***
	radju
	TV

Or. hu